SEGRETARJAT EDUKAZZJONI NISRANIJA

Il-Kurja ta' l-Isqof,
Triq ir-Repubblika, Rabat, Għawdex,
Tel: +356 21556661
www.csm.edu.mt

## Applikazzjonijiet għad-dħul fl-iskejjel tal-Knisja f'Għawdex

Applikazzjonijiet għad-dħul fl-ewwel sena sekondarja u fl-ewwel sena kindergarten fl-iskejjel tal-Knisja f'Għawdex jintlaqgħu minn nhar il-Ħamis, 1 ta' Frar sal-Erbgħa, 14 ta' Frar 2024. L-applikazzjonijiet isiru onlajn minn https://church.mt/gozoapplications. Aktar dettalji jinstabu fir-Regolamenti tad-Dħul. Għal aktar għajnuna ċempel 7999 0224 mid-9:00am sas-2:00pm tal-istess ġranet.

Postijiet vakanti fl-ewwel sena sekondarja baqa' 20 għal bniet u 10 għas-subien u fl-ewwel sena kindergarten baqa' 60 post.

F'Novembru 2023 ġew ippublikati r-Regolamenti għad-Dħul fl-Iskejjel tal-Knisja f'Għawdex u saru l-applikazzjonijiet skont l-Ewwel Kriterju.

Il-lista tal-applikanti se tkun ippublikata fuq il-paġna tal-iskejjel tal-Knisja li tinsab f' www.knisja.mt. Dawn huma dettalji tal-applikazzjonijiet tal-ewwel kriterju skola, skola f'Għawdex.

Għad-dħul fl-ewwel sena sekondarja fil-**Konservatorju tal-Isqof Sekondarja** rċevejna sitta u erbgħin (46) applikazzjoni ta' bniet li qed jattendu s-sitt sena f'xi skola tal-Knisja f' Għawdex. Sitta (6) minn dawn l-applikazzjonijiet huma bis-sapport. Irċevejna wkoll applikazzjoni ta' impjegata fil-Konservatoru tal-Isqof, u ħames (5) applikazzjonijiet li għandhom ħuthom jattendu l-Konservatorju tal-Isqof Sekondarja. Dawn iġibu total ta' tnejn u ħamsin (46+1+5=52) applikazzjoni. Dan ifisser li minn total ta' 72 post issa baqa' għoxrin (20) post vakanti. Xi wħud minn dawn il-postijiet jistgħu jimtlew minn bniet bis-sapport.

Għad-dħul fl-ewwel sena sekondarja fis-**Seminarju tal-Qalb ta' Ġesù** rċevejna ħamsa u ħamsin (55) applikazzjoni ta' subien li qed jattendu s-sitt sena f'xi skola tal-Knisja f'Għawdex. Irċevejna tlett (3) applikazzjonijiet ta' impjegati fis-Seminarju tal-Qalb ta' Ġesù u erbgħa (4) applikazzjonijiet li għandhom ħuthom jattendu s-Seminarju. Dawn iġibu total ta' tnejn u sittin (55+3+4=62) applikazzjoni. Dan ifisser li minn total ta' 72 post issa baqa' għaxar (10) postijiet vakanti.

Fost l-applikazzjonijiet li saru għas-**Seminarju tal-Qalb ta' Ġesù** ħamsa (5) minnhom huma bis-sapport. Minħabba n-numru ta' studenti bis-sapport mhux possibbli li s-Seminarju jaċċetta aktar tfal bis-sapport.

Din it-tabella tiġbor fiha l-applikanti tal-ewwel kriterju għall-ewwel sena sekondarja.

| Kriterji | 1A | 1B | 1C | Sapport | Total |
|---|---|---|---|---|---|
| Bishop's Conservatory Secondary | 40 | 1 | 5 | 6 | 52 |
| Sacred Heart Seminary | 51 | 3 | 3 | 5 | 62 |

Għad-dħul fl-ewwel sena kindergarten fil-**Konservatorju tal-Isqof Primarja** rċevejna erbgħa (4) applikazzjonijiet ta' impjegati tal-Konservatorju tal-Isqof Primarja, erbgħa (4)

applikazzjonijiet li għandhom ħuthom jattendu l-Konservatorju tal-Isqof Primarja u żewġ (2) applikazzjonijiet li l-ġenitur tagħhom jaħdem fi skola sekondarja tal-Knisja f'Għawdex. Dawn iġibu total ta' għaxar (4+4+2=10) applikazzjoni. Dan ifisser li minn total ta' 24 post issa baqa' erbatax (14)-il post vakanti.

Għad-dħul fl-ewwel sena kindergarten ta' **Laura Vicuna**, l-Għasri, rċevejna seba' (7) applikazzjonijiet ta' mpjegati Laura Vicuna, ħdax (11)-il applikazzjonijiet li għandhom ħuthom jattendu Laura Vicuna, applikazzjoni (1) bħala każ soċjali u applikazzjoni (1) mill-Għasri. Mela b'kollox għandna total ta' għoxrin (7+11+1+1=20) applikazzjoni. Dan ifisser li minn total ta' 24 post issa baqa' erbgħa (4) postijiet vakanti.

Għad-dħul fl-ewwel sena kindergarten f' **St. Theresa** f' Kerċem rċevejna żewġ (2) applikazzjonijiet ta' tfal li għandhom ġenitur jaħdem fl-istess skola tal-Knisja u seba' (7) applikazzjonijiet li għandhom ħuthom jattendu St. Theresa. Dawn iġibu total ta' disgħa (2+7=9) applikazzjonijiet. Dan ifisser li minn total ta' 24 post issa baqa' ħmistax (15) –il post vakanti.

Għad-dħul fl-ewwel sena kindergarten **St Francis, Victoria** rċevejna żewġ (2) applikazzjonijiet ta' tfal li għandhom ġenitur jaħdem fl-istess skola tal-Knisja, ħames (5) applikazzjonijiet li għandhom ħuthom jattendu St Francis Victoria u applikazzjoni (1) ta' ġenitur li jaħdem fi skola sekondarja tal-Knisja f'Għawdex . Dawn iġibu total ta' tmien (2+5+1=8) applikazzjonijiet. Dan ifisser li minn total ta' 24 post issa baqa' sittax (16) –il post vakanti.

Għad-dħul fl-ewwel sena kindergarten **St Francis, in-Nadur** rċevejna applikazzjoni (1) waħda. Għalhekk minn total ta' 12-il post għad baqa' 11-il post vakanti f' St Francis, In-Nadur. Infakkru li din l-iskola hija biss għal-livelli tal-kinder.

Din it-tabella tiġbor fiha l-applikanti tal-ewwel kriterju għall-ewwel sena kindergarten.

| Kriterji | 1B | 1C | 1D | 1E | 1F | 1G | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Bishop's Conservatory Primary | 4 | 4 | 2 | 0 | 0 | 0 | 10 |
| Laura Vicuna | 7 | 11 | 0 | 1 | 1 | 0 | 20 |
| St Theresa | 2 | 7 | 0 | 0 | 0 | 0 | 9 |
| St Francis Victoria | 2 | 5 | 1 | 0 | 0 | 0 | 8 |
| St Francis Nadur | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 1 | 1 |

Din it-tabella tindika l-postijiet offruti, okkupati u kemm baqa' skola, skola.

| Kriterji | Offruti | Okkupati | Baqa' |
|---|---|---|---|
| Bishop's Conservatory Secondary | 72 | 52 | 20 |
| Sacred Heart Seminary | 72 | 62 | 10 |
| Bishop's Conservatory Primary | 24 | 10 | 14 |
| Laura Vicuna | 24 | 20 | 4 |
| St Theresa | 24 | 9 | 15 |
| St Francis Victoria | 24 | 8 | 16 |
| St Francis Nadur | 12 | 1 | 11 |

**Il-Bord tad-Dħul tal-Iskejjel tal-Knisja** **26 ta' Jannar 2024**

Segretarjat Edukazzjoni Nisranija
Il-Kurja ta' l-Isqof,
Triq ir-Repubblika, Rabat, Għawdex
Tel: 22039360
Email: admissions@maltadiocese.org
www.csm.edu.mt